

Brussell, 3 ta' Ottubru 2025
(OR. en)

13497/25

**Fajl Interistituzzjonali:
2025/0055 (NLE)**

**ACP 90
WTO 86
RELEX 1240
COASI 110**

NOTA PUNT "I/A"

minn:	Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill
lil:	Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti/Kunsill
Suġġett:	DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL dwar l-adeżjoni ta' Vanuatu mal-Ftehim Interim ta' Sħubija bejn il-Komunità Ewropea, minn naħa waħda, u l-Istati tal-Paċifiku, min-naħa l-oħra - Adozzjoni

1. Fl-14 ta' Marzu 2025, il-Kummissjoni ppreżentat lill-Kunsill proposta għal Deċiżjoni tal-Kunsill dwar l-adeżjoni ta' Vanuatu mal-Ftehim Interim ta' Sħubija bejn il-Komunità Ewropea, minn naħa waħda, u l-Istati tal-Paċifiku, min-naħa l-oħra u, bħala anness, l-offerta għall-aċċess għas-suq ippreżentata minn Vanuatu (ST 7143/25 + ADD 1).
2. Fit-3 ta' April 2025, il-Grupp ta' Ħidma dwar l-AKP eżamina l-proposta msemmija hawn fuq u qabel mat-test tal-abbozz ta' Deċiżjoni tal-Kunsill.
3. Fit-12 ta' Mejju 2025, il-Kunsill iddeċieda li jitlob l-approvazzjoni tal-Parlament Ewropew għall-adeżjoni ta' Vanuatu għall-Ftehim.
4. Il-Parlament Ewropew ta l-approvazzjoni tiegħu fl-10 ta' Settembru 2025.

5. Il-Grupp ta' Ħidma dwar l-AKP ikkonferma l-qbil tiegħu dwar it-test tal-abbozz ta' Deċiżjoni tal-Kunsill fil-laqgħa tiegħu tat-30 ta' Settembru 2025.
6. Għaldaqstant, il-Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti mitlub jissuġġerixxi li l-Kunsill, f'waħda mil-laqgħat tiegħu li jmiss:
 - jadotta, bħala punt "A", id-Deċiżjoni tal-Kunsill dwar l-adeżjoni ta' Vanuatu għall-Ftehim ta' Sħubija Interim bejn il-Komunità Ewropea, minn naħa waħda, u l-Istati tal-Paċifiku, min-naħa l-oħra, kif tinsab wara l-finalizzazzjoni mill-ġuristi lingwisti fid-dokumenti ST 7847/25 + ADD 1;
 - jinforma lill-Parlament Ewropew bl-adozzjoni tad-Deċiżjoni tal-Kunsill;
 - jordna l-pubblikazzjoni tagħha fil-Ġurnal Uffiċjali.
